MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 173/2009

**Carmelo Bartolo u martu Angela Bartolo**

**-vs-**

**Christopher Zarb u martu Diane Zarb**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-konvenuti, huma vera ċert u likwidu debituri a favur tal-atturi fis-somma ta’ tnax il-elf tmien mija u disgħa u sittin Euro (€12,869) rappreżentanti arretrati ta’ kera dovuta mill-1 ta Diċembru 2007 sal-lum, u għal parti mill-iskadenza li għaqlet fl-1 ta Settembru 2007 fuq kirja ta’ *garage* u *workshop* li jġibu fl-imkien l-indirizz uffiċjali *plot* 24, Triq il-Mastrudaxxa, Mosta qabel magħrufa bl-indirizz mhux uffiċjali ta’ 24, Triq in-Naġġar, Mosta *oltre* l-ammont

ta' tliet elef, ħames mija u wieħed u għoxrin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€3,521.39) dovuta bħala arretrati ta' kontijiet ta' dawl fuq l-istess fond kif jirriżulta minn Dokument anness u mmarkat Dok CB2, u dana bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuq skrittuta privata ta' lokazzjoni datata 4 ta' Frar 2004, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u markata Dok CB 1;

2. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-artikoli 167 – 170 Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li d-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u *inoltre* skatat il-kondizzjoni pattwita fi klawsola numru sebgħa (7) tal-preċitata skrittura, u kwindi l-konvenuti ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra t-talba għall-ħlas tal-istess dejn u għall-iżgumbrament tagħhom mill-preċitat fond;

3. Illi l-konvenuti kienu ġew interpellati inutilment biex iħallsu dan id-dejn u sabiex jirritornaw il-pussess liberu u vakanti tal-istess fond inkluż permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Jannar 2009;

4. Illi l-fatti hawn fuq esposti fil-premessi huma magħrufa personalment lill-istess attur dikjarant.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi:-

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Liġijiet ta Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma mitluba ta' Euro 12,869 favur tal-atturi bħala arretrati ta' kera dovuta fuq il-preċitat fond kif hawn fuq spjegat;

3. Tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn din l-istess Qorti huma għandhom jiżgombraw il-barra mill-preċitati ambjenti u kwindi jirrilaxxjawh liberu u vakanti a favur tal-istess atturi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-preċitata ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet legali li jibqgħu jiddekorru sal-ħlas effettiv

għas-saldu kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti biex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali, u senjatament dak tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

Billi l-konvenuti, debitament notifikati naqsu li jkunu preżenti għas-seduta, u anke peress li fil-mori tal-kawża l-atturi ngħataw il-pussess tal-fond in kwistjoni;

**Għaldaqstant il-Qorti peress illi t-talba attriċi tirriżulta ppruvata, tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf, tmien mija u disgħa u sittin Ewro (€12,869); tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba *stante* l-verbal tal-lum.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------